MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 40/2010

**Remi Armeni**

**vs**

**Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Illi fis-16 ta' Dicembru 2010 it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

***"1. Riferenza***

*Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar l-14 ta' April 2010.*

***2. Rapprezentanza***

*2.1 Remi Armeni, li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent, kien mghejjun mill-Avukat Owen Bonnici.*

*2.2 Il-kumpanija Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata minn Anton Dalli mghejjun mill-Avukata Charlotte Camilleri.*

***3. Fatti fil-qosor tal-kaz***

*Wara t-temma ta' ftehim ta' apprendistat mal-kumpanija intimata f'Gunju ta' l-1997, ir-rikorrent inhatar fil-kariga ta' Refrigeration/Airconditioning Technician u kompla fl-impieg b'kuntratt whole-time minghajr terminu. F'Awwissu tal-2007 inhatar fil-kariga ta' Maintenance Manager. Matul l-impieg tieghu, ir-rikorrent dejjem ghamel xoghlu tajjeb ghas-sodisfazzjon tal-Principal. F'xi zmien il-kumpanija intimata ppartecipat fi skema tal-Korporazzjoni ghall-Impiegi u Tahrig ghat-tahrig ta' erba' apprendisti li gew allokati mar-rikorrent biex jghallimhom u jamministrahom. Wara xi zmien tnejn minnhom ma komplewx, u fl-2010 kien fadal zewg apprendisti biss. Il-kumpanija intimata stqarret li maz-zmien bdew dehlin imprendituri ohra fis-suq tal-importazzjoni, il-hazna u d-distribuzzjoni tal-prodotti tal-friza u chilled tal-ikel bil-konsegwenza li l-bejgh tal-kumpanija intimata naqas hafna. F'dawn ic-cirkustanzi, f'April 2010 id-Diretturi ddecidew li jiehdu l-passi necessarji biex johorgu minn dan is-suq u fasslu pjani biex iwaqqfu l-importazzjoni ta' certu prodotti, u wara li tinbiegh il-hazna jintemmu xi impiegi, jinbiegh xi taghmir u eventwalment il-bicca l-kbira tax-xoghol tal-manutenzjoni tinghata lil terzi u jinghalaq id-Dipartiment tal-Manutenzjoni. Minhabba li l-apprendisti kellhom ftehimiet li jaghlqu f'Settembru tal-2010, kien deciz li l-ewwel jintemm l-impieg tar-rikorrent. Aktar tard qabel it-tielet seduta tat-Tribunal Industrijali, il-kumpanija intimata temmet ukoll l-impieg taz-zewg apprendisti.*

***4. Lista tax-xhieda***

*4.1 Franco Busuttil, Anton Dalli u Jonathan Ferris xehdu ghall-kumpanija intimata.*

*4.2 Remi Armeni xehed ghalih innifsu.*

***5. Lista ta'dokumenti***

*5.1 Ir-rikorrent esebixxa d-dikjarazzjoni tal-kaz konsistenti fi tliet pagni.*

*5.2 Il-kumpanija intimata esebiet:*

*5.2.1 Id-dikjarazzjoni tal-kaz konsistenti f'erba' pagni.*

*5.2.2 Kopja ta' messagg elettroniku datat 22.04.10 mibghut lil James G. Abela, Ufficjal tal-Korporazzjoni ghall-Impiegi u Tahrig rigwardanti x'seta' jsir bil-ftehimiet taz-zewg apprendisti li kien fadlilha maghha l-kumpanija intimata.*

*5.2.3 Kopja ta' ittra datata 09.07.01 mibghuta lill-apprendist Anton Schembri li kienet tinkludi avviz tat-temma tal-ftehim ta' apprendistat.*

*5.2.4 Kopja ta' ittra datata 09.07.01 mibghuta lill-apprendist Antoine Vassallo li kienet tinkludi avviz tat-temma tal-ftehim ta' apprendistat.*

***6. Gabra fil-qosor tax-xhieda***

*6.1* ***Remi Armeni,*** *ir-rikorrent, stqarr li beda jahdem mal-kumpanija intimata fl-1997 bhala apprendist fix-xoghol ta' Refrigeration and Airconditioning Technician, u wara erba' snin fuq kuntratt whole-time ghal zmien minghajr terminu fix-xoghol ta' tiswijiet u manutenzjoni tat-taghmir kollu tal-kumpanija intimata relatat mal-istess xoghol, u wkoll xoghol ta' l-ilma u elettriku u tal-istrutturi tal-bini. Fl-2007 fassal, ordna u bena b'success l-ewwel mahzen tal-friza u aktar tard ta' tlieta ohra. Dan ix-xoghol wassal ghall-hatra tieghu fil-kariga ta' Maintenance Manager responsabbli ghall-amministrazzjoni ta' Air Conditioning and Refrigeration Technician u zewg apprendisti fl-istess xoghol. Ir-rikorrent zied jghid li t-Technician kien intemmlu l-impieg sena u nofs qablu, u z-*

*zewg apprendisti komplew jahdmu warajh. Ix-xhud kompla li ghalkemm hu minnu li x-xoghol tal-friza naqas, hu kien jaghmel xoghol iehor relatat ma' mhazen b'temperatura oghla minn dik tal-friza, trakkijiet fornuti b'sistema tal-kesha, taghmir ta' taghbija, xoghol ta' dawl u elettriku u wkoll numru kbir ta' taghmir ta' kesha madwar Malta. F'xi zmien kienu gew xi terzi jispezzjonaw it-taghmir fl-imhazen, u wara li ghadda ftit taz-zmien f'April 2010 kien kellmu Anton Dalli u gharrfu bit-temma tal-impieg tieghu, izda kompla jahdem sa Gunju 2010. Wara li ma baqax jattendi ghax-xoghol kien mitlub imur u fil-fatt mar fl-impjant biex ifiehem lill-kuntrattur li nghata x-xoghol is-sistemi kollha stallati.*

***6.2 Franco Busuttil,*** *impjegat mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' Direttur, stqarr li r-rikorrent beda mal-kumpanija intimata bhala apprendist fix-xoghol ta' Refrigeration and Airconditioning Technician. Wara li spicca l-apprendistat kien impjegat fil-kariga ta' Refrigeration and Airconditioning Technician fuq kuntratt whole-time minghajr terminu. Eventwalment inhatar Maintenance Manager fuq kuntratt simili bir-responsabbilta' li jaghmel u jammininistra x-xoghol ta' tiswijiet u manutenzjoni tat-taghmir kollu tal-kumpanija intimata. Minhabba t-tnaqqis fil-bejgh fis-suq lokali ta' ikel tal-friza u prodotti chilled, l-operat ta' dawn l-attivitajiet ma baqax profitabbli u l-Bord tad-Diretturi ddecidew li jirristrutturaw dan l-operat. Minhabba li l-attivitajiet rilevanti ghax-xoghol tar-rikorrent ma kinux jiggustifikaw it-tkomplija ta' impiegi whole-time ta' numru ta' impjegati, inkluz dak tar-rikorrent, kien deciz li jinghalaq id-Dipartiment tal-Manutenzjoni. Ir-rikorrent kien offrut li jkompli jaghmel ix-xoghol fuq bazi ta' kuntratt ghal servizz, u meta ma sehh xejn minn dan, ix-xoghol inghata lil terzi fuq bazi ta' kuntratt ta' xoghol u mhux impieg. Wara t-temma tal-impieg tar-rikorrent iz-zewg apprendisti komplew jahdmu minghajr id-direzzjoni tieghu u minhabba li rrizultati ma kinux sodisfacenti kien deciz li l-ftehimiet taghhom jintemmu wkoll u l-kumpanija intimata hallsithom skont il-ligi. Fl-istess*
*waqt spiccaw erba' impjegati ohra u llum ma fadal hadd ghaliex id-Dipartiment inghalaq.*

***6.3 Anton Dalli,** impjegat mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' Operations Manager, stqarr li lir-rikorrent kien jafu tul iz-zmien kollu bejn meta beda l-apprendistat tieghu mal-kumpanija intimata fix-xoghol ta' Refrigeration and Airconditioning Technician sakemm intemmlu l-impieg meta kien jokkupa l-kariga ta' Maintenance Manager. Ix-xhud kompla li sa minn zmien qabel id-Diretturi kienu qeghdin jaraw li x-xoghol fl-attivitajiet tax-xiri, hazna u tqassim ta' ikel tal-friza beda dejjem jonqos u ma baqax profitabbli, u minhabba f'hekk iddecidew li d-Dipartiment tal-Manutenzjoni ghandu jinghalaq u x-xoghol relatat jibda jsir minn kuntrattur. Ix-xhud zied jghid li l-kumpanija intimata ghamlet investigazzjoni dwar il-possibbilta' ta' xoghol alternattiv maghha stess minn fejn irrizulta li ma kien hemm xejn addattat ghalih. Sar ukoll kuntatt mal-Korporazzjoni dwar l-Impiegi u t-Tahrig dwar il-futur taz-zewg apprendisti, minn fejn irrizulta li jkun ahjar li dawn jithallew isegwu l-ftehim li kellhom u li kien jiskadi f'Settembru 2009. Ghaldaqstant il-kumpanija ghazlet li ttemm l-impieg tar-rikorrent ghaliex il-kuntratt tieghu kien indefinit. Fl-istess waqt li hu gharraf lir-rikorrent bid-decizjoni staqsieh jekk kienx interessat jahdem ghal rasu u jaghti servizz lill-kumpanija intimata skont il-bzonnijiet li jinqalghu. Ir-rikorrent wiegbu fl-affermattiv, izda ma sar xejn izjed dwar din l-offerta. Fl-istess zmien li spicca r-rikorrent intemm ukoll l-impieg ta' zewg impjegati ohra mill-istess sfera ta' xoghol, u hemm il-hsieb li jitnaqqsu aktar impjegati.*

***6.4 Jonathan Ferris,** impjegat mal-kumpanija fil-kariga ta' Commercial Manager, stqarr li r-rikorrent kien responsabbli ghax-xoghol kollu tal-kumpanija intimata ghal dak li ghandu x'jaqsam mar-Refrigeration u Airconditioning, u skedar ta' manutenzjoni ta' taghmir iehor u bini, u wkoll xoghol relatat ma' stallazzjonijiet tad-dawl u l-ilma. Zied jghid li fiz-zmien in kwistjoni d-Diretturi ddecidew li minhabba li x-xoghol tal-friza u chilled kien naqas hafna jkun ahjar li ma jkomplux b'dik l-attivita', tinbiegh il-hazna u jibda jsir downsizing tad-Dipartiment tal-Manutenzjoni fejn kien hemm l-aktar xoghol relatat. Wara li spicca r-rikorrent ix-xoghol kompla biz-zewg*

*apprendisti u haddiema ta' kuntrattur meta jkun mehtieg. Ghalkemm fadal xoghol fil-kumpanija intimata, dak tal-manutenzjoni jifforma parti zghira mix-xoghol kollu taghha u dak li fadal li jirrelata mar-rikorrent ma jiggustifikax it-tkomplija tar-rikorrent fl-impieg.*

***6.5 Jean Pierre Meilaq,*** *impjegat fil-kariga ta' Ufficjal mal-Korporazzjoni dwar l-Impiegi u t-Tahrig, stqarr li l-apprendisti Antoine Vassallo u Anton Schembri ghandhom ftehim ta' apprendistat li jiskadi f'Settembru 2010 u la huma u lanqas il-Principal ma jistghu jabbandunaw il-ftehim minghajr raguni sufficjenti, u jekk isir hekk jista' jkun hemm hlas ta' danni mill-parti li ghamlet l-abbandun. Ix-xhud spjega li l-iskema ta' apprendistat ma tikkwalifikax ghal beneficcji mill-Unjoni Ewropea u ghaldaqstant il-Principal ihallas il-pagi kollha tal-apprendisti. Ix-xhud ghamel riferenza ghall-bdil ta' messaggi elettronici bejn il-kumpanija intimata u l-korporazzjoni fejn kien qieghed ikun investigat x'jista' jsir dwar it-temma tal-kuntratti taz-zewg apprendisti minhabba li l-kumpanija kienet ser tirristrutura l-operat, tibdil li kien ser iwassal li jinghalaq id-Dipartiment tal-Manutenzjoni. Zied jghid li fil-kaz li l-ftehimiet jitwaqqfu hemm obbligu ta' hlas skont il-ligi.*

## *7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet*

*7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukata Charlotte Camilleri ghall-kumpanija intimata stqarret li:*

*7.1.1 It-temma tal-impieg tar-rikorrent saret minhabba redundancy kawzata minn nuqqas ta' bejgh tal-prodotti tal-friza u chilled li wassal lid-Diretturi biex jiddeciedu li jieqfu mil-attivita' tal-importazzjoni, il-hazna u d-distribuzzjoni taghhom u li fl-imghoddi kienu jiggustifikaw l-impieg tieghu.*

*7.1.2 Il-ftehimiet tal-apprendistat ta' Anton Schembri u Antoine Vassallo kienu jiskadu f'Settembru ta' l-2010 fil-waqt li l-kuntratt tal-impieg tar-rikorrent kien ghal zmien indefinit. Bil-hsieb li tonora l-obbligi taghha versus iz-zewg*

*apprendisti, il-kumpanija intimata ddecidiet li ttemm l-impieg tar-rikorrent minflok dawk taz-zewg apprendisti.*

*7.1.3 Il-kumpanija intimata temmet numru iehor ta' kuntratti ta' impjegati li x-xoghol taghhom kien direttament relatat max-xoghol tal-importazzjoni, il-hazna u d-distribuzzjoni tal-prodotti tal-friza u chilled.*

*7.1.4 Ir-rikorrent kien offrut li jkompli jaghmel ix-xoghol li kien jaghmel, izda fuq livell imnaqqas relatat mat-tnaqqis fix-xoghol permezz ta' kuntratt ghal servizz, izda ma accettax l-offerta.*

*7.1.5 Ir-regola ta' min jidhol l-ahhar jintemmlu l-impieg l-ewwel ma tapplikax ghal dan il-kaz. Dan ghaliex impjegati fuq kuntratt definit, u dan b'riferenza ghall-ftehim ta' apprendistat, ma jitqisux fil-kaz ta' redundancy.*

*7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Owen Bonnici f'isem ir-rikorrent stqarr li:*

*7.2.1 Redundancy tfisser li kariga partikulari mhix aktar mehtiega u fil-kaz ta' hekk, il-process uzat ghal kull temma ta' impieg irid ikun konformi mal-ligi.*

*7.2.2 Il-fatt li l-kumpanija intimata offriet lir-rikorrent li jkompli jaghmel l-istess xoghol fuq kuntratt ta' servizz, u wkoll li bhala alternattiva hasbet biex taghti l-istess xoghol li kuntrattur privat hu prova cara li x-xoghol kompla jezisti u tant iehor il-htiega tal-kariga. Minn dan jirrizulta li l-ezercizzju li ghamlet il-kumpanija intimata kien wiehed ta' tnaqqis fl-ispejjez u mhux ristrutturar. F'kaz bhal dan il-kumpanija intimata ma setghetx taghmel ezercizzju biex tnaqqas l-ispejjez billi tnaqqas l-impiegi.*

*7.2.3 It-tnaqqis fil-bejgh li wassal ghall-allegat ristrutturar kien fil-prodotti tal-friza biss, izda x-xoghol proprju tar-rikorrent kien hafna aktar wiesa' minn hekk.*

*7.2.4 Anki ghall-grazzja tal-argument, jekk wiehed jasal biex jaqbel li t-temma tal-impieg kienet minhabba*

*redundancy, il-process ma segwiex il-provvediment rilevanti tal-ligi.*

***8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali***

*8.1 Il-kaz migjub quddiem it-Tribunal Industrijali mill-Avukat Owen Bonnici f'isem ir-rikorrent jinkludi iz-zewg pretenzjonijiet li jidhru hawn taht, u li kienu segwiti b'talba ghal kumpens minhabba temma ingusta tal-impieg.*

*8.1.1 L-ewwel pretenzjoni hi li, l-ezercizzju li ghamlet il-kumpanija intimata kien wiehed ta' tnaqqis fl-ispejjez, u mhux ristrutturar genwin li wassal ghar-redundancy. Dan ghaliex ix-xoghol li kien jaghmel ir-rikorrent kompla jezisti wara t-temma tal-impieg tieghu. F'kaz bhal dan il-kumpanija intimata ma setghetx taghmel ezercizzju biex tnaqqas l-ispejjez billi tnaqqas l-impiegi minghajr ma tinnegozja mar-rikorrent biex jintlahaq ftehim ghas-sodisfazzjon taz-zewg partijiet.*

*8.1.2 It-tieni pretenzjoni hi li, anki jekk ghall-grazzja tal-argument it-Tribunal Industrijali jiddeciedi li l-kumpanija intimata setghet taghmel hekk, u allura jikkonkludi li t-temma tal-impieg kienet minhabba ristrutturar genwin li wassal ghar-redundancy, it-temma tal-impieg tar-rikorrent qabel dik taz-zewg apprendisti saret bi ksur tal-provvedimenti tas-sub artiklu 36 (4) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*8.2 Fit-twegiba taghha ghal dawn iz-zewg pretenzjonijiet, il-kumpanija intimata argumentat li:*

*8.2.1 Ic-cirkustanzi tas-suq fix-xoghol tal-importazzjoni, il-hazna u d-distribuzzjoni tal-ikel tal-friza rrendew it-tkomplija tal-attivitajiet relatati mhux vijabbli li jitkomplew, u skont il-Bord tad-Diretturi s-soluzzjoni li kienet taghmel sens kummercjali kienet li tibda tnaqqas numru ta' attivitajiet relatati mas-servizzi tal-importazzjoni, l-hazna u d-distribuzzjoni ta' dawn il-prodotti biex eventwalment wara li tintemm il-hazna kollha ta' ikel tali, tkun tista' tohrog kompletament minn dan is-suq.*

*8.2.2 Dan il-process kien jinkludi t-temma tal-impiegi ta' ghaxar haddiema fit-taqsima tad-distribuzzjoni tal-prodotti, il-bejgh ta' numru ta' vetturi tal-friza li jgorru dawn il-prodotti, it-temma tal-impieg kemm tar-rikorrent kif ukoll eventwalment ta' zewg apprendisti, l-gheluq tad-Dipartiment tal-Manutenzjoni u finalment it-trasferiment tax-xoghol tal-manutenzjoni lill-terzi fuq bazi ta' kuntratt ghal servizz.*

*8.2.3 Qabel ma ntemm l-impieg tar-rikorrent hi esplorat il-possibbilta' li r-rikorrent:*

- *Jinstablu xoghol alternattiv maghha izda rrizulta li ma kien hemm xejn addattat li seta' jkun offrut.*

- *Jibda jahdem maghha fuq l-istess xoghol taht kuntratt ta' servizz ghal rasu minflok taht kuntratt ta' impieg. L-offerta li saritlu f'dan is-sens ma kellhiex rizultat.*

*Minn dan kollu jirrizulta li t-temma tal-impieg tar-rikorrent tammonta ghal wahda minhabba ristrutturar genwin li wassal ghar-redundancy.*

*8.3 It-Tribunal Industrijali ser jikkonsidra z-zewg pretenzjonijiet tar-rikorrent fl-ordni li ssemmew hawn fuq fid-dawl tal-provvedimenti statutorji rilevanti, l-argumenti tal-kumpanija intimata, u wkoll id-Decizjoni Numru 1808 tal-Kaz Numru 2371 li kienet konfermata mill-Qorti tal-Appell - (Appell civili Numru 32/2007).*

*L-Artiklu 2 tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta ma jaghtix tifsira tal-kelma redundancy, izda tifsira komprensiva tal-istess kelma tinsab fil-Ligi Ingliza li maghha l-Ligi Maltija ghanda hafna xebh. Il-Ligi Ingliza taghti t-tifsira tal-kelma redundancy kif isegwi:*

*"Redunancy is considered to have taken place when;*

*a) The employer ceases to carry on the business in which the employee was engaged or closes down the place in which he/she was working. -*

*b) The business ceases to require people with the particular skills of the employee or needs fewer of them to carry out the work.*

*c) The dismissal is for a reason not related to the individual concerned or for a number of reasons all of which are not so related.*

*ERA 1996 s139*

*This last provision (c) was introduced by the TURERA in 1993 to protect those who found themselves dismissed because of reorganizations, which meant that fewer workers were needed, but whose dismissal did not fall within the previous definition of redundancy".*

*(Source-The Personnel Manager's Factbook-Volume II published by GEE Publishing Limited).*

*Jirrizulta minn din it-tifsira li tinsab fil-Ligi Ingliza, li t-tifsira tal-kelma redundancy kif spjegata mill-Avukat Owen Bonnici waqt it-trattazzjoni f'isem ir-rikorrent, hi limitata ghal tmiem ta' impieg minhabba abolition of post, u ma tkoprix tmiem ta' impieg f'cirkustanzi bhal tal-kaz odjern.*

*8.3.2 M'hemmx dubju li l-ezercizzju li ghamlet il-kumpanija kien motivat mic-cirkustanzi tas-suq li eventwalment wassal biex isir ristrutturar bil-hsieb li jitnaqqsu l-ispejjez ta' wahda mit-taqsimiet fl-operat li ma kinitx qieghda tirrendi. Kull kumpanija ghandha dritt, kull meta jkun mehtieg li taghmel ezercizzju bhal dan, cioe` li fost affarijiet ohra tati xoghol li ma jirrendix lil terzi. F'kaz ta' redundancy gustifikata skont it-tifsira li tidher f'sub artikli a) u b) ta' 8.3.1 li jidher aktar 'l fuq f'din l-istess pagna, it-temma tal-impieg ta' impjegat effettwat hi regolata bil-provvedimenti tal-Artiklu 36 (4) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-kaz fejn ix-xoghol ta' xi impjegat effettwat jinghata lill-terzi skont it-tifsira koperta biz-zieda tas-sub artiklu c) 8.3.1 li jidher f'pagna 8, bhal ma hu dan il-kaz, il-protezzjoni ghat-tkomplija tal-impieg tal-impjegat effetwat hi regolata bil-provvedimenti tal-Artiklu 38 tal-*

*Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, kif spjegati aktar fid-dettal fl-Artiklu 3 sub artiklu (2) ta' Avviz Legali Numru 433 tal-2002.*

*8.3.3 L-Artiklu 2 tal-Kapitlu 452 tal-ligijiet ta' Malta jaghti z-zewg tifsiriet li jsegwu u li huma rilevanti ghat-tieni pretenzjoni tar-rikorrent:*

• *"apprendist ghandha l-istess tifsira kif moghtija lilha bl-Artiklu 29 tal-Kapitlu 343 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan l-Artiklu jghid hekk: -*

*Persuna li tkun ghalqet il-hmistax-il sena li tkun marbuta bi ftehim bil-miktub li taqdi principal matul zmien miftiehem sabiex tikseb taghrif, maghduda t-teorija u l-prattika, f'sengha li l-principal min-naha tieghu ikun marbut li jghallem lil dik il-persuna: u apprendist ghandha tinftiehem skont hekk".*

• *"impjegat tfisser persuna li tkun ghamlet jew tahdem taht kuntratt ta' servizz jew li tkun intrabtet li personalment taghmel xi xoghol jew hidma ghal haddiehor, u taht id-direzzjoni u kontroll immedjat ta' persuna ohra, u tinkludi haddiem ta' barra, izda teskludi xoghol jew servizz moghti fi sfond professjonali jew bhala kuntrattur ghal persuna ohra meta dak ix-xoghol jew servizz ma jkunx regolat minn kuntratt ta'servizz specifiku".*

*8.3.4 Jirrizulta allura li t-tieni pretenzjoni tar-rikorrent, li fil-kaz li t-Tribunal Industrijali jaqbel li t-temma tal-impieg tieghu kienet b'konsegwenza ta' redundancy genwina, il-kumpanija intimata kellha t-temm il-ftehimiet taz-zewg apprendisti l-ewwel, mhiex fondata tajjeb. Dan minhabba l-fatt li ftehim ta' apprendistat mhuwiex kuntratt ta' impieg, u konsegwentement ma kien hemm hadd li gie mpjegat wara r-rikorrent li kellu jintemmlu l-impieg qabel dak tar-rikorrent.*

## *9. Decizjoni*

*It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet u evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, jaqta' u jiddeciedi li minhabba li:*

*9.1 It-temma tal-impieg tar-rikorrent minn mal-kumpanija intimata saret b'konsegwenza tat-trasferiment tax-xoghol tal-manutenzjoni lil terzi, cioe` temma li hi koperta bit-tifsira li tidher fis-sub artiklu c) 8.3.1 f'pagna 8 ta' din id-decizjoni, il-kumpanija intimata ma kisritx il-provvedimenti tal-Artiklu 36 (4) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*9.2 Ir-rikorrent kellu d-dritt ghat-tkomplija tal-impieg mal-persuna li lilha gie trasferit in-negozju konformi mal-provvedimenti tal-Artiklu 38 tal-Kapitlu 452, kif spjegati aktar fid-dettal fl-Artiklu 3 sub artiklu (2) ta' l-Avviz Legali Numru 433 ta' l-2002, mhux il-kaz li t-Tribunal Industrijali jordna lil-kumpanija intimata thallas kumpens.*

*Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u Sbatax-il centezmu (€93.17).*

Rat ir-rikors ta' appell ta' Remi Armeni datat 20 ta' Dicembru 2010 fejn talbet lill-Qorti tirrevoka l-award bl-isem ta' Remi Armeni kontra Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited u tghaddi minflok biex, wara li taghmel il-pronunzjamenti opportuni, tghaddi biex taghti kumpens pekunjarju lill-esponenti skont kif mahsub fl-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellata.

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata datata 6 ta' Jannar 2011 fejn talbet lill-Qorti sabiex tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali u tichad kwalsiasi talba li saritilha nkulza dik ghal kumpens.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-16 ta' Frar 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Owen Bonnici ghall-appellanti u Dr. Charlotte Camilleri ghas-socjeta` appellata, Mr. Anton Dalli ghall-istess socjeta` appellata. Dr. Camilleri ghandha permezz ta' nota tindika l-avviz legali relattiv li skont hi japplika ghal kuntratt ta' zmien

definit u dan fi zmien tletin (30) gurnata minn dan id-digriet b' kopja lid-difensuri tal-kontro-parti. Dr. Owen Bonnici ndika lill-Qorti li l-applikant ma kienx apprendist. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat- 28 ta' Gunju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravju tal-appellant mid-decizjoni tat-Tribunal Industrijali hija (1) saret interpretazzjoni zbaljata ta' dak li tfisser *"redundancy"* ghaliex dan tirreferi ghas-sitwazzjoni meta l-impjieg ma jkunx iktar mehtieg, u ghalhekk ikun zejjed jew *"excessive"* jew *"superfluous"* jew *"surplus to requirements" "fejn allura l-impjieg ma jibqas mehtieg aktar "based upon the requirements of the undertaking"* u f'dan il-kaz jirrizulta li l-posizzjoni li kien jokkupa l-appellant ta' *maintenance manager* fil-fatt ma gietx abolita, ghaliex kull ma sar li gie terminat l-impjieg tal-appellanti ghall xoghol ta' manutenzjoni fil-qasam tal-friza, kemm fl-impjanti li hemm fl-imhazen, kif ukoll fit-taghmir ta' taghbija, u apparat iehor madwar Malta, inkluz dak ta' dawl u elettriku, u dan ix-xoghol fil-fatt inghata lill kuntrattur, u allura qEd jinghad li l-kaz ta' ristrutturar tal-kumpanija ghall-esigenza taghha taht dawn ic-cirkostanzi ma' jikkwalifikax bhala kaz ta' *redundancy*; (2) Illi hija wkoll zbaljata l-asserzjoni li saret fl-istess decizjoni li meta tigi applikata r-regola f'kaz ta' *redundancy* ta' *"the last first out"* din teskludi l-appredisti u dan ghaliex skomd l-**artikolu 29 tal-Kap. 343,** l-apprendista ma huwiex eskluz mid-definizzjoni ta' impjegat; (3) saret interpretazzjoni zbaljata tal-**Avviz Legali 433 tat-2002** fejn inghad li r-rikorrenti kellhu d-dritt li jkompli l-impjieg tieghu mal-persuna li gie lilha trasferit in-negozju u dan ghaliex l-istess Avviz legali japplika biss fil-kaz li s-socjeta' appellata trasferiet in parte jew in toto l-operat taghha, li ma huwiex il-kaz odjern, ghaliex kull ma gara kien biss li

hija ingaggat kuntrattur ghall xoghol li qabel kienu jaghmlu l-impjegati taghha.

Illi ghalkemm ma hemm tifsira ta' redundancy fil-ligi jirrizulta li l-Ligi Maltija segwiet it-tifsira Ngliza ghall-istess u din tidher tikkonsisti f'dak li gie citat fis-sentenza fl-ismijiet **"Alessandra Theuma vs Alfred Mangion et** (A.I.C. – 23 ta' Mejju 2008) fejn giet affermat inghad li -

*"Fuq din il-materja ta' redundancy jidher li l-kaziztika tal-Qrati Inglizi stabbilit dawn il-linji gwida, u cjoe':-*

*(a) was the employee dismissed;*

*(b) If so, had the requirements of the business for the employees to carry out the work of a particular kind ceased or diminished (or were expected to do so)?*

*(c) If so, was the dismissal caused wholly or mainly by that state of affairs".*

*"Tissokta tirritjeni s-sentenza "**Safe Stores plc vs Burrell"** (1997) li l-minnha l-precitat kweziti ttiehdu, illi taht punt (b) l-element krucjali hu dak jekk verament kien hemm tnaqqis fil-business requirements di fronte ghall impjegat. Espicitament, tesprimi "in deciding that, tribunals should not introduce "a contract test" whereby they just considered the specific tasks the applicant was employed for". Illi wkoll f'din l-istess linja ta' hsieb is-sentenza **"Shawkat vs Nottingham Hospital NHS Trust"** u ghall certu sens, mhux lanqas 'il-boghod minnhom, id-decizjonijiet ta' din il-Qorti fl-ismijiet **"Victoria Spiteri vs St. Catherine's High School"** (18 ta' Ottubru 2006) u **"John Bartolo vs International Machinery Limited"** (9 ta'Mejju 2007".*

Illi dan huwa differenti minn dak li sostniet is-socjeta' appellata fir-risposta taghha fejn irreferiet ghad-decizjoni ta' din il-Qorti indikat bhala Appell Civili Numru 32/2007 u saret din il-kwotazzjoni, li fil-fatt hija d-definizzjoni ta' *redundancy* li mexa t-Tribunal biha fid-decizjoni u cjoe':-

*“Redunancy is considered to have taken place when;*

*a) The employer ceases to carry on the business in which the employee was engaged or closes down the place in which he/she was working.* -

*b) The business ceases to require people with the particular skills of the employee or needs fewer of them to carry out the work.*

*c) The dismissal is for a reason not related to the individual concerned or for a number of reasons all of which are not so related”.*

Illi ghall korrettezza jinghad li d-decizjoni li l-appelata rreferit ghaliha fil-fatt hija dik fl-ismijiet **“Maria Norma Abela vs Pater Holding Company Limited”** (A.I.C. – 30 ta’ April 2008 – App. Civili Numru 32/2007 u din id-decizjoni ma tinkorparax id-definizzjoni citata mis-socjeta’ appellata f’paragrafu 2 tar-risposta taghha, u ghalhekk din il-Qorti thoss li dak li fil-fatt qed jinghad mit-Tribunal Industrijali li hija definizzjoni ta’ *redundancy* li ghandha tapplika ghall ligi Maltija ma hijiex korretta, u fil-fatt il-posizzjoni attwali hija dik indikata fis-sentenza **“Alessandra Theuma vs Alfred Mangion et** (A.I.C. – 23 ta’ Mejju 2008) hawn citata.

Illi ma dan jizdied jinghad li fis-sentenza **“Dr. George Manara vs l-Perit Edwin Borg Costanzi”** (A.C. – 14 ta’ Mejju 1990) fejn saret differenza bejn tkeccija minhabba *good and sufficient cause* inkluz tkeccija *“owing to the occurence of an intervening event or change of circumstances so fundamental as to be regarded by the law as striking at the root of the agreement, and as entirely beyond what was contemplated by the parties when they entered into an agreement”* u dik a bazi ta’ *redundancy*, u dan proprju ghaliex inghad li l-Legislatur *“riedx jaghti lok biex employer bl-iskuza ta’ l-ezistenza ta’ ragunijiet li m’ghandux kontroll fuqhom, jevadi li jhallas dak li evidentement il-legislatur riedu jhallas f’’kaz ta’ redundancy”.*

Illi ghalhekk f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-mistoqsija li trid tigi mposta f'kaz ta' *redundancy* hija jekk ix-xoghol li kien qed jaghmel l-impjegat baqax mehtieg ghall-*employer,* u jekk kienx hemm bzonn l-operat tal-impjegat sabiex ikompli fl-istess xoghol, u din il-Qorti thoss li ghalhekk id-definizzjoni moghtija mill-istess Tribunal ghall *redundancy* hija iktar wiesgha mill-posizzjoni attwali fil-Ligi Maltija, u dan iktar u iktar meta jidher li l-istess Tribunal kien li kkonsidra li sar ristrutturar fis-socjeta' appellata sabiex jitnaqqsu certu spejjez ghaliex naqas ix-xoghol taghha ta' friza, u dan billi fil-fatt l-istess xoghol ta' manutezzjoni gie moghti lill-kuntrattur, u allura skond l-istess Trinubal dan sar fl-parametri ta' (a) u (b) ta' 8.3.1 hemm citati (u fuq indikati fil-kwotazzjoni tas-socjeta' appellata) izda wkoll ghaliex skond l-istess Tribunal dan sar fl-ambitu ta' l-**artikolu 36 (4) tal-Kap. 452**, izda l-istess Tribunal rrefera ukoll li l-fatt *"Fil-kaz fejn ix-xoghol ta' xi impjegat effettwat jinghata lill-terzi skont it-tifsira koperta biz-zieda tas-sub artiklu c) 8.3.1 li jidher f'pagna 8, bhal ma hu dan il-kaz, il-protezzjoni ghat-tkomplija tal-impieg tal-impjegat effetwat hi regolata bil-provvedimenti tal-Artiklu 38 tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, kif spjegati aktar fid-dettal fl-Artiklu 3 sub artiklu (2) ta' Avviz Legali Numru 433 tal-2002".*

Illi pero' hawn l-istess Tribunal Industrijali huwa fl-opinjoni ta' din il-Qorti ghal kollox zbaljat u dan peress li dak li gara f'dan il-kaz kien li s-socjeta' appellata ddecidiet ghar-ragunijiet taghha li l-istess xoghol li kien jaghmel l-impjegat li kien wiehed ta' *maintenance* fuq apparat tal-friza jibda jaghmlu kuntrattur, u ghalhekk certament ma kienx hemm trasferiment ta' negozju kif kontemplat fl-**artikolu 38 tal-Kap. 452** u lanqas kien applikabbli l-**artikolu 3 tal-Avviz Legali 433 ta' l-2002,** peress li ma kien hemm ebda trasferiment ta' negozju minn azjenda ghal ohra, la in toto u lanqas in parte. Li kien hemm kien biss li sabiex l-istess employer jiffranka l-ispejjez, huwa ghazel li jaghti l-istess xoghol li kien jaghmel l-impjegat lill-kuntrattur, u jittermina l-kuntratt tal-impjegat tieghu, izda l-htiega tax-xoghol li kien qed isir mill-impjegat baqghet hemm, kif ukoll li l-istess socjeta' baqghet taghmel l-istess xoghol, izda bil-mod kif waslet li taghmlu, mhux tramite

impjegati taghha, izda permezz ta’ persuni kuntratti minnha.

Illi certament li dan ma jammontax ghall *redundancy,* izda ghall twaqqief ta’ impjieg tax-xoghol tal-impjegat mill-*employer*, mhux ghaliex ma kienx hemm bzonn izjed tal-istess xoghol, jew ghaliex ix-xoghol ma’ baqax issir mill-istess socjeta’ appellata, izda biss ghaliex is-socjeta’ appellata riedet tnaqqas l-ispejjez tal-operat taghha b’dannu ghall impjegati taghha.

Illi izda dan il-kaz ma huwiex wiehed ta’ *redundancy,* izda kaz ta’ terminazzjoni ta’ impjieg ghar-ragunijiet mhux permessi mill-ligi u abbusivament u arbitrarjament u certament li it-terminazzjoni ta’ impjieg ma kienitx dovuta ghall *“tnaqqis fil-business requirements di fronte ghall impjegat”* ghaliex l-istess xoghol tieghu baqa’ necessarju ghas-socjeta’ intimata, izda din id-darba qed issir minn kuntrattur ghaliex hekk kien jaqbel lill-*employer* f’dan il-kaz is-socjeta’ appellata. F’dan il-kuntest din il-Qorti taqbel ma-sottomissjonijiet tal-appellant f’pagna 2 sa 5 tar-rikors tal-appell tieghu datat 20 ta’ Dicembru 2010. Ghalhekk l-ewwel aggravju qed jigi milqugh u tiddikjara t-tkeccija tal-appellant mis-socjeta’ appellata bhala tkeccija ngusta ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Illi in vista ta’ dan ma hemmx bzonn li jigi trattat it-tieni aggravju ghaliex la darba dan ma kienx kaz ta’ redundany, ma hemmx lok ghall applikazzjoni tar-regola indikata fl-**arttikolu 36 (4) tal-Kap. 452** – *“last in first out”.*

Illi dwar it-tielet aggravju jinghad lid an jinsab inkluz fil-konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti dwar l-ewwel aggravju u dan fis-sens li l-applikazzjoni tat-Tribunal tal-**artikolu 3 tal-Avviz Legali Nru. 33 ta’ l-2002** hija wahda zbaljata ghaliex f’dan il-kaz ma kienx hemm trasferiment ta’ l-azjenda fit-termini tal-istess Avviz u lanqas fit-termini tal-**artikolu 38 tal-Kap. 452** – li kien proprju l-kaz trattat fl-Appell Civili 32/2007 kwotat mis-socjeta’ appellata fir-risposta taghha – li huwa ferm differenti mill-kaz odjern – u dan kif jidher car mis-sentenza fuq imsemmija fl-ismijiet **“Maria Norma Abela vs Pater Holding Company**

**Limited"** (A.I.C. – 30 ta' April 2008. Ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi milqugh.

Illi ghall dak li huwa kumpens dovut lill-appellanti ghall dik li hija tkeccija ingusta tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, u in vista ta' dak li sehh fil-kawza **"Louis Camilleri vs Arrow Express Limited"** (A.I.C. (PS) – 13 ta' Frar 2009) din il-Qorti qed tibghat lura l-atti lit-Tribunal biex dan jiddetermina l-kwantum tal-kumpens dovut lill-appellanti skond it-termini tal-**artikolu 81 (2) tal-Kap. 452** u skond l-iskorta tas-sentenzi **"Joseph Paris vs The Cargo Handling Company Limited et"** (A.I.C. (PS) – 23 ta' April 2010); **"Peter Spiteri vs Xeureb Glass Co. Ltd"** (A.I.C. (PS) – 10 ta' Ottubru 2005); **"Ivan Zammit vs S. Borg & Sons Ltd"** (A.I.C. (PS) – 19 ta' Ottubru 2005; **"Godwin Vassallo vs Vittoriosa Gaming Ltd"** (A.I.C. (P.S) – 28 ta' Marzu 2008); **"Michael Azzopardi vs Engineering for Science and Industry Malta Limited"** (A.I.C. (RCP) – 5 ta' Mejju 2011); u **"Marvin Abdilla vs Engineering for Science and Industry Malta Limited"** (A.I.C. (RCP) – 5 ta' Mejju 2011).

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad ir-risposta tas-socjeta' appellata Francis Busuttil & Sons (Marketing) Ltd datata 6 ta' Jannar 2011 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, u **tilqa' l-appell tal-appellant Remi Armeni fir-rikors tal-appell tieghu datat 20 ta' Dicembru 2010** biss in kwantu l-istess huwa konsistenti ma' dak hawn deciz, b'dan li tirrevoka u thassar l-*award* tat-Tribunal Industrijali fl-ismijiet **'Remi Armeni vs. Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited"** datata 16 ta' Dicembru 2010 (Kaz. Nru. 2775DeG – Dec. Nru. 2041) u minflok tiddikjara li t-terminazzjoni tal-impjieg *da parte* tas-socjeta' intimata fil-konfront tal-appellant kienet tammonta ghal tkeccija ngusta fit-termini tal-ligi, u ghal dan l-iskop tirrinvija l-atti lura lit-Tribunal Industrijali biex dan jiffissa l-kwantum tal-kumpens dovut lill-appellanti ghat-tkeccija tieghu mill-impjieg minghajr gusta kawza.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' appellata Francis Busuttil & Sons (Marketing) Limited

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------